

Iċ-Chamber Concert Band tal-Università ta’ Valparaiso, waqt il-kunċert mużikali li tat fil-Knisja Katidrali

# *Concert Band* fil-Katidral

Iċ-*Chamber Concert Band tal-Università ta’ Valparaiso nhar it-Tlieta 10 ta’ Marzu* tat kunċert imżewwaq ta’ mużika fil-Katidral ta’ Għawdex intitolat *Programme for Lenten Reflections*. Il-banda, taħt id-direzzjoni ta’ Dr Jeffrey Scott Doebler, daqqet xogħlijiet mill-aqwa miktuba għall-banda ta’ din ix-xeħta.

Iċ-CCB, kif iċ-*Chamber Concert Band* hi popolarment magħrufa, hi l-banda ewlenija minn tlieta fl-Università ta’ Valparaiso fl-iStat ta’ Indiana, l-Istati Uniti. L-istudenti tal-fakultajiet kollha huma mħeġġa jieħdu sehem fil-banda. Dr. Doebler hu professor assoċjat tal-mużika u direttur tal-baned. Fis-sena 2006, hu stħaqqlu l-*Outstanding University Music Educator Award* mill-*Indiana Music Educators Association* tal-ħidma tiegħu biex jipprovdi l-mużika u tas-suċċessi li kiseb.

Iċ-*Chamber Concert Band* bdiet il-lejla tal-Katidral bid-daqq ta’ *Psalm Elegy,* kompożizzjoni reċenti ta’ Michael Boo. Kompliet bis-silta *Panis Angelicus* ta’ Cesar Franck; żewġ *Chorales* minn Brahms; u l-*Ballad for Peace* ta’ Frank Erickson. Il-Banda paxxiet lil dawk kollha preżenti fid-daqq tal-*Hymn for Band* ta’ Hugh Stuart u fil-kompożizzjoni reċenti *A Time to Dance* ta’ Julie Giroux. Il-programm kien jinkludi wkoll mużika minn Robert Franz, Johann Sebastian Bach, Adoniram Gordon, u *The Benediction Chorale,* arranġament tal-kompożitur żagħżugħ Robert Estill Foster. B’tribut lill-Katidral f’nofs iċ-Cittadella, il-programm ġie fit-tmiem bid-daqq ta’ *Citadel*, kompożizzjoni ta’ Frank Erickson (1923-1996), wieħed mill-iktar kompożituri Amerikani li kisbu suċċess fis-seklu għoxrin.

L-udjenza wriet l-apprezzament tagħha b’ovazzjoni fit-tul. Il-programm kien trasmess *live* fuq Radju Katidral. B’radd il-ħajr, Mons. Giovanni Gauci, arċidjaknu tal-Kapitlu Katidrali, ippreżenta tapizzerija tal-koppla famuża tal-Katidral lid-direttur u gwida bil-kulur tal-Katidral xogħol l-istoriku Għawdxi Joseph Bezzina lil kull membru tal-orkestra. Il-bandisti u l-udjenza kellhom kliem ta’ tifħir għall-akustika meraviljuża tal-Katidral.



Uħud minn dawk preżenti għall-Kunċert. Jidhru fost l-oħrajn il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci, l-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral, Mons Joseph Attard, il-Maġistrat għal Għawdex Paul u s-Sinjura Coppini, l-eks speaker tal-Parlament Malti Anton u s-Sinjura Tabone, il-President tas-Soċjetà Filarmonika Leone, l-Avukat Michael Caruana u l-Pittur magħruf Għawdxi Paul u s-Sinjura Camilleri Cauchi.

# L-Isqof fil-Mira

“L-Isqof fil-Mira” kien l-isem ta’ attività speċjali mtella’ fl-Oratorju Don Bosco f’egħluq il-75 sena mit-twaqqif tal-istess Oratorju u l-kanonizazzjoni ta’ San Ġwann Bosco kif ukoll bħala parti mill-attivitajiet tal-Missjoni Djoċesana fis-Sena Pawlina. F’din l-attività żewġ ġurnalisti żgħażagħ, Marion Zammit (*Media Link Communications*) u Melissa Vella, (*One Productions*) intervistaw lill-Isqof. Is-suġġetti li ttrattaw kienu jvarjaw minn problemi ta’ sess qabel iż-żwieġ għall-Quddies tal-Ħadd, minn problemi rigward id-divertiment għas-sitwazzjoni tal-Knisja f’Għawdex.



Waqt id-diskussjoni fl-Oratorju Don Bosco.

# AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma’ Charles Spiteri





Waqt it-tlugħ tal-Polza.

# Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja

Fil-preżenza ta’ numru kbir ta’ ġenituri, fil-kwartieri ġenerali tal-Azzjoni Kattolika, fir-Rabat, sar it-tlugħ tal-polza għad-dħul tat-tfal għal Kinder 1, fl-iskejjel tal-knisja f’Għawdex, jiġifieri Laura Vicuna fl-Għasri; St. Therese f’Kerċem; Konservatorju tal-Isqof (Primarja) u St. Francis fir-Rabat.

Il-laqgħa tmexxiet minn Fr Domenic Xerri, Delegat tal-Arċisqof għall-Edukazzjoni Kattolika, fil-preżenza tas-Sinjura Helen Fenech; is-Sinjura Grace Montebello u s-Sinjura Annie Aquilina. Il-poloz ittellgħu mis-Sinjura Gloria Galea, wara sejħa li saret minn fost il-ġenituri preżenti.

Applikaw 58 subien u 47 bniet. Fr Domenic qal lil *The Maltese Herald*, li ser isir dak kollu possibbli ħalli apparti li jimtlew il-postijiet disponibbli, jiddaħħlu wkoll dawk fuq il-*waiting list*, dejjem skond il-preferenza li ġew fiha.



L-Eċċ. Tiegħu, Mons. Isqof Mario Grech jidher flimkien ma’ Christine Attard, Maria Demanuele, Gabrielle Portelli u Sylvana Cardona.

# Studenti jintervistaw lil Mons. Isqof Grech

Studenti li jattendu l-iskola Sekondarja fil-Konservatorju tal-Isqof, fir-Rabat, żaru l-Kurja Djoċesana fejn barra li daru l-post intervistaw lill-Eċċ. Tiegħu. Mons. Isqof Mario Grech dwar l-iskeda tax-xogħol tiegħu ta’ kuljum u l-ħidma pastorali fid-Djoċesi Għawdxija. Il-laqgħa kienet tinkludi anke iffilmjar ta’ dak li kien għaddej u jintqal fid-diskussjoni.

Iż-żjara kienet konnessa ma’ proġett tal-Ingliż li l-istudenti kienu qed jagħmlu bħala parti mill-istudji tagħhom.

**MARIO BORG**

***International Travel Consultant***

GRANDTOURING

***For Best Prices and Services in Travelling***

*Contact:* ***Mario Borg***

***Tel: 9621 8899***

***Mob: 0412 682 421***

***Email: Mario @grandtouring.net***

Lic. 2 TA 5215